Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/4822

12.8.2024

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Ġunju 2024 – Il-Kummissjoni Ewropea vs KRKA, tovarna zdravil, d.d.**

**(Kawża C-151/19 P)** ([1])

***(Appell – Kompetizzjoni – Prodotti farmaċewtiċi – Suq tal-perindopril – Artikolu 101 TFUE – Akkordji – Qsim tas-suq – Kompetizzjoni potenzjali – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Strateġija intiża li ddewwem id-dħul fis-suq ta' verżjonijiet ġeneriċi tal-perindropil – Ftehim ta' soluzzjoni bonarja ta' tilwima fil-qasam tal-privattivi – Ftehim ta' liċenzja ta' privattiva – Ftehim ta' trasferiment u ta' liċenzja ta' teknoloġija)***

(C/2024/4822)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn F. Castilla Contreras, B. Mongin u C. Vollrath, aġenti, assistiti minn D. Bailey, barrister, sussegwentement minn F. Castilla Contreras u C. Vollrath, aġenti, assistiti minn D. Bailey, barrister)

*Parti oħra fil-proċedura:* KRKA, tovarna zdravil, d.d. (rappreżentanti: T. Ilešič, u M. Kocmut, odvetnika)

*Intervenjent insostenn tal-appellant:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizjalment minn D. Guðmundsdóttir, aġent, sussegwentement minn L. Baxter, D. Guðmundsdóttir, F. Shibli u J. Simpson, aġenti, assistiti minn J. Holmes, KC, u P. Woolfe, barrister, u finalment minn S. Fuller, aġent, assistit minn J. Holmes, KC, u P. Woolfe, barrister)

**Dispożittiv**

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Diċembru 2018, Krka vs Il-Kummissjoni (T-684/14, EU:T:2018:918) hija annullata.

2) Il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata deċiżjoni fuq ir-raba' motiv tar-rikors fl-ewwel istanza, li jikkonċerna l-klassifikazzjoni tal-ftehim ta' trasferiment u ta' liċenzja konkluż fil-5 ta' Jannar 2007 bejn Les Laboratoires Servier u KRKA, tovarna zdravil, d.d. bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

([1]) ĠU C 148, 29.4.2019.